**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Diċembru 2023**

Rikors Numru: 369/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 196/2002)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-Partijiet ikkuntrattaw iz-zwieg nhar il-11 ta' Settembru 2001 gewwa Rejkjavik, l-Izlanda, u z-Zwieg gie registrat Malta bin-numru 196/2002.

2. Illi il-partijiet ellhom tifel wiehed, E F C illi twieled nhar is-16 taGunju 2002 u li illum huwa maggiorenni

3. Illi il-hajja konjugali bejn il-partijiet ma baqghetx izjed possibbli minhabba ragunijiet valdi skond il-ligi u għalhekk il-partijiet għaddew ghal separazzjoni legali minn ma' xulxin.

4. Illi s-separazzjoni bejn il-partijiet hija regolata minn kuntratt pubbliku datat 26 taGunju 2023 fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri.

5. Illi kif ikkonfermat fl-istess kuntratt, il-partijiet ilhom jghixu separatamet ghal oltre ghaxar snin u ma hemm assolutament l-ebda possibiltatarikonciljazzjoni peress illi il-partijiet għandhom hajja totalment separata minn xulxin u addirittur jghixu go pajjizi separati.

6. Illi ai termini ta' l-Artikolu 4 tal-kuntratt tas-separazzjoni, iz-zewg partijiet iddikjaraw illi huma iddekadew mid-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin.

7. Illi ai termini ta' l-Artikolu 7il-Partijiet ikkonfermaw illi ma hemm l-ebda manteniment dovut ghal binhom peress illi huwa maggiorenni u ingaggjat f'xoghol full time b'introjtu.

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tadivorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registatur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2023;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx għal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' Gunju 2023 u ilhom ma jgħixux flimkien għal oltre għaxar snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.